

Brussell, 9 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

14611/19

COPS 351
CIVCOM 182
POLMIL 128
CFSP/PESC 913
CSDP/PSDC 556
RELEX 1111
JAI 1264

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: Nru. dok. preċ.:	14610/19 COPS 350 CIVCOM 181 POLMIL 122 CFSP/PESC 912 CSDP/PSDC 555 RELEX 1110 JAI 1263
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK, kif adottati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fid-9 ta' Diċembru 2019.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL
DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PATT DWAR ID-DIMENSJONI ĊIVILI
TAL-PSDK**

Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK

Il-Kunsill ifakkar fl-adozzjoni tiegħu tal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK, flimkien mar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, f'Novembru 2018, u jafferma mill-ġdid dan l-impenn biex il-PSDK ċivili ssir aktar kapaċi, aktar effettiva, flessibbli u risponsivi, kif ukoll aktar magħquda.

Il-Kunsill jenfasizza l-kontribut sinifikanti tal-missjonijiet ċivili tal-PSDK għall-paċi u l-istabbiltà internazzjonali, bħala parti essenzjali mill-Approċċ Integrat tal-UE għall-konflitti u l-kriżijiet esterni. Huwa jenfasizza wkoll il-ħtieġa kontinwa f'dan il-qafas biex jissaħħu r-rwol u l-kapaċità tal-UE li taġixxi bħala fornitur tas-sigurtà permezz tal-PSDK u jfakkar li waħda mill-forzi tal-Unjoni Ewropea fil-ġestjoni u l-prevenzjoni tal-kriżijiet tinsab fil-kapaċità tagħha li tiskjera missjonijiet ċivili bħala parti mill-Approċċ Integrat usa' tal-UE filwaqt li tikkontribwixxi wkoll għall-protezzjoni tal-UE u ċ-ċittadini tagħha.

Filwaqt li jilqa' l-ewwel Konferenza ta' Rieżami Annwali (KRA), li saret fl-14 ta' Novembru 2019 fi Brussell, il-Kunsill:

1. Ifaħħar il-progress ġenerali pożittiv fl-implimentazzjoni tal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK matul is-sena li għaddiet, kemm fil-livell nazzjonali mill-Istati Membri kif ukoll fil-livell tal-UE mis-SEAE u mis-servizzi tal-Kummissjoni, filwaqt li jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata implimentazzjoni sħiħa u koerenti fir-raggruppamenti kollha tal-Patt.

2. Jilqa' għalhekk l-impenn qawwi mill-partijiet ikkonċernati kollha waqt il-KRA biex iwettqu b'mod sħiħ il-ħidma tal-Patt kemm jista' jkun malajr, u sa mhux aktar tard mill-bidu tas-sajf tal-2023, u jenfasizza b'mod partikolari:
- li l-Istati Membri bdew il-proċess ta' żvilupp u implimentazzjoni ta' Pjanijiet Nazzjonali ta' Implimentazzjoni biex iżidu l-kontribuzzjonijiet tagħhom għad-dimensjoni ċivili tal-PSDK u jagħtu effett lill-Patt, filwaqt li s-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni żviluppaw Pjan ta' Azzjoni Konġunt. Jinnota li l-implimentazzjoni sħiħa tal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK tkun teħtieġ investiment kontinwu u l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi għad-dimensjoni ċivili tal-PSDK;
 - li, wara skambji waqt il-KRA, titkompla l-ħidma mill-Istati Membri, appoġġati mis-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni, biex jiġu identifikati lakuni u l-aħjar Prattiki, u jiġu kondiviżi esperjenzi abbażi tal-Pjanijiet Nazzjonali ta' Implimentazzjoni;
 - li l-ewwel Rapport Annwali Ċivili dwar il-Kapaċitajiet (RAĊK) ippreżentat mis-SEAE, ibbażat fuq kontribut estensiv mill-Istati Membri filwaqt li jqis ukoll il-Pjan ta' Azzjoni Konġunt mis-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni, identifika l-istat attwali tal-kapaċitajiet ċivili tal-missjonijiet u tal-Istati Membri li fuqhom għandha titqies ħidma ulterjuri dwar l-iżvilupp tal-kapaċitajiet;
 - li, kif previst fil-Pjan ta' Azzjoni Konġunt tas-SEAE u tas-servizzi tal-Kummissjoni ppreżentat f'Mejju 2019, jenħtieġ li titkompla l-ħidma biex tiġi rrieżaminata l-ġestjoni tar-riżorsi umani f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, biex jitlejbu aktar il-kapaċità ta' rispons u l-effettività u biex jiġi żgurat użu flessibbli, rapidu u effiċjenti tal-baġit tal-PESK f'koerenza mad-deċiżjonijiet politiċi li jittieħdu;
 - li l-kooperazzjoni aktar mill-qrib u s-sinerġiji bejn l-istrutturi rilevanti tad-dimensjoni ċivili tal-PSDK, is-servizzi tal-Kummissjoni u l-atturi tal-ĠAI f'konformità mal-Patt u l-mandati legali rispettivi tagħhom, jenħtieġ li jiġu intensifikati fuq diversi livelli u permezz tal-gruppi ta' ħidma kompetenti;
 - li jenħtieġ li jkomplu jissaħħu s-sinerġiji u l-komplementarjetà bejn id-dimensjoni ċivili u dik militari tal-PSDK, pereżempju fl-ippjanar u t-tmexxija operazzjonali tal-missjonijiet skjerati fl-istess post;
 - il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, u r-rappreżentanza tan-nisa fil-missjonijiet.

3. F'konformità mal-Patt, u sabiex jiggwida l-implimentazzjoni tiegħu mill-Istati Membri, mis-SEAE u mis-servizzi tal-Kummissjoni fl-2020, japprova l-punti ta' riferiment identifikati matul il-KRA, inkluż b'mod partikolari iżda mhux b'mod eżawrjenti: żieda konġunta fl-għadd ta' esperti sekondati fil-missjonijiet; il-finalizzazzjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali ta' Implimentazzjoni u l-bidu tal-implimentazzjoni tagħhom; l-iżgurar ta' dimensjoni ċivili tal-PSDK aktar modulari, skalabbli u flessibbli fuq il-post, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-għodod ta' rispons; l-esplorazzjoni tal-modalitajiet possibbli ta' evalwazzjoni tal-impatt operazzjonali tal-missjonijiet; u l-promozzjoni ta' azzjoni aktar konġunta, inkluż permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' "mini-kunċetti" mmirati. Jenħtieġ li jiġu kkunsidrati t-tisħiħ u s-simplifikazzjoni tal-involvement tal-Istati Membri fil-ġestjoni tal-konflitti u l-istabbilizzazzjoni fil-kuntest tal-Approċċ Integrat tal-UE fil-livell tal-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill.
4. Dawn il-punti ta' riferiment għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ġenerali tal-Patt, billi jiżguraw interkonnessjonijiet bejn l-oqsma differenti tiegħu, kif ukoll il-Livell ġenerali ta' Ambizzjoni kif maqbul mill-Kunsill. Għandhom l-għan ukoll li jippromwovu kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab rilevanti fuq bażi skont il-każ.
5. Jistenna bil-ħerqa l-Konferenza ta' Rieżami Annwali li jmiss li ser issir f'Novembru 2020.